Għajnsielem

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SEBA` KUNSILL

## SEDUTA NRU. 12 – Il-Ħamis, 24 ta' Jannar, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 11, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Is-Sur Frank Tabone ġibed l-attenzjoni li kull min irid jagħmel iċ-ċippa lill-klieb, jista jagħmel dan b'xejn fid-*dogs house* f'Għawdex.
   - Is-Sindku qal li s-sur Frank Tabone kien tkellem maċ-Chairman il-ġdid tal-HSBC, fejn dan kien qallu li kellu x-xewqa li tiġi nstallata ATM fl-inħawi ta' Għajnsielem, il-Qala u x-Xewkija. Is-sur Tabone kien jaf li l-Kunsill ta' Għajnsielem dejjem kellu l-interess li jkollu ATM fir-raħal u għalhekk ġie rranġat appuntament bejn is-Sindku u l-Manager tal-HSBC fuq dan is-suġġett. Din il-lagħqa saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill fit-23 ta' Jannar 2013. Is-Sindku spjega li tul l-laqgħa, huwa semma l-vantaġġi kollha li hawn fir-raħal sabiex din l-ATM tista ssir f'Għajnsielem. Iċ-Chairman kien jidher interessat bil-

proposti tas-Sindku u ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel il-proposti ta' fejn tista tiġi nstallata din l-ATM, wara li c-Chairman jibgħat l-ispeċifikazzjonijiet ta' ATM. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

- Is-Sindku semma li kien hemm suġġeriment minn resident biex jinxtara apparat li jiċċekja l-livell taz-zokkor biex tintuża fil-Berġa. Il-Kunsill qabel li din tinxtara.
- Laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex – is-Sindku qal li tul din l-laqgħa attendew rappreżentanti mill-Enemalta fejn ġie spjegat ir-responsabilita` tal-lampi li għandna fl-irħula. Is-Sindku spjega lil-preżenti kif taħdem is-sistema tal-ħsarat u liema bozoz huma responsabilta` tal-Kunsill. L-Enemalta ser tibgħat l-aħħar pjanta tal-lampi aġġornata.
- Is-Segretarju Eżekuttiv organizzat laqgħa mal-perit Salvu Micallef, Mario Gatt u Salvu Bonelllo fejn is-Sindku kien preżenti għal din il-laqgħa wkoll. Tul din il-laqgħa sar qbil fuq il-kont pendenti li għandu l-Kunsill fuq il-bini tac-Ċentru Ċiviku. Il-perit għandu jibgħat ċertifikat għal-ħlas fil-ġimgħat li ġejjin.
- Proposta minn kumpanija biex isir Luna Park fiż-żmien l-Għid fil-grownd tal-Football – il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni għal dan meta jigu biex jagħmlu l-permess, bil-patt li l-applikant jkollu l-permessi kollha meħtieġa skond il-liġi li tirrikjedi din l-attivita` nkluż mingħand Għajnsielem FC. Importanti wkoll li tinżamm l-indafa fl-inhawi tal-madwar.
- Ittra ta' ringrazzjament mill-Federazjoni Maltija Vetturi Antiki rigward il-Vintage Car Show li saret f'Għajnsielem nhar is-7 ta' Jannar, 2013.
- Email mill-Kunsill tal-Mellieħa fejn is-Sindku qed jissuġġerixxi attivita` b'kollaborazzjoni mal-Kunsill t'Għajnsielem għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Kunsill Mellieħa 2013. Din l-attivita` ser issir nhar is-Sibt 2 ta' Frar fil-grownd tal-Mellieħa, fejn ikun hemm logħba football bejn in-Nurseries u t-team tal-kbar tal-Mellieħa u t'Għajnsielem u logħba snooker bejn il-parteċipanti Mellìħin u Għajnselmiżi. Il-Kunsill approva li jipparteċipa mal-Kunsill tal-Mellieħa u jieħu ħsieb jorganizza transport miċ-Ċirkewwa mal-vapur tas-7.30am u lura mal-vapur tas-1.30pm.
- Enemalta – ma ġietx aċċettata l-applikazzjoni ta' bozza ġdida fit-Triq Wied Martin kantuniera ma' Triq Patri Odorik Mizzi. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel kuntatt mal-enġiniera biex tiġi diskussa mil-ġdid din l-applikazzjoni peress hemm ħafna dlam fit-Triq Wied Martin. L-applikazzjoni ta' Bozza fit-Triq il-Provigarju ġiet approvata mill-Enemalta.
- Easter Egg Hunt – id-data proposta għal din is-sena hija 31 ta' Marzu, li jaħbat Hadd il-Għid mis-1.00p.m. sal 5.00p.m. Is-Sindku qara l-proposta ta' Buzzy Kids Entertainment li qed joffru għal din is-sena. Il-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena ma' jkunx viabbli li din l-Easter Egg Hunt issir peress li fl-istess żmien ser ikun hawn il-Luna Park fir-raħal. Il-Kunsill qabel iżda li jżomm din il-proposta għal-futur.
- Transport Malta - *Double yellow line* fit-Triq fuq il-Għajn – il-perita ta' Transport Malta ma ratx il-bżonn li dawn isiru peress li karozza normali tidħol fil-garaxx anke jekk ikun hemm karozza oħra ipparkjata. Il-Kunsill

qabel li jispjega l-każ lill-perita, fejn nitolbu lis-sid il-qisien tal-hawker li hu akbar minn karozza normali sabiex Transport Malta terġħha tikkunsidra l-każ.

- Transport Malta – *Double yellow line* fit-Triq Malta, quddiem l-entratura tal-Misraħ il-Fliegu Court. Il-perita ma kkunsidratx din it-talba iżda s-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet lill-perita li din it-talba saret għax jekk xi darba jinqala l-bżonn li tidħol ambulanza jew *fire-engine*, din ma tkunx tista tidħol jekk ikun hemm il-karozzi pparkjati quddiem l-entratura u għalhekk talbet biex it-talba terġħha tiġi ikkunsidrata.
- Transport Malta – il-perita approvat li jsiru *broken lines* fi Triq Gudja skond kif ġie ssuġġerit mill-Kunsill fil-laqgħa preċidenti. Il-Kunsill qabel li għalissa issir biz-zebgħa.
- Evalwazzjoni tat-Tender tat-taħmil fil-Wied ta' Simirat mill-Perit Scerri – il-Perit qed jirrakomanda lis-Sur Carmel Grima. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni u approva li jingħata x-xogħol lill-Carmel Grima.
- Memo 3/2013 – kors fil-kitba tal-Malti – is-Sindku qara din il-memo fejn qed tirrakomanda lill-Kunsill biex jibgħat xi mpjegat għal dan il-kors li din is-sena se jiġi offrut wkoll fl-Universita t'Għawdex. Il-Kunsill approva li jibgħat lis-Segretarju Eżekuttiv għal dan il-kors.
- Għaqda Drammatika Għajnsielem – talba għal-kolloborazzjoni biex isir id-dramm tal-passjoni. Il-Kunsill approva din il-kollaborazzjoni l-istess bħas-snin ta' qabel.
- Talba għar-*Reserved parking* mis-Sinjura Samantha Xiberras fit-Triq Malta – il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan.
- Bejgħ tal-assi tal-Kunsilli – il-Kunsill qabel li jinbiegħu dawn l-assi skond l-offerti mitfuha.
- MCCA – is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-preżenti li l-laqgħa għal-konsumatur ser issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Jannar fl-10.30 fis-sala tal-Kunsill. L-avviż għandu jidher fuq il-Bullettin li jmiss. Il-laqgħa ser tkun titratta garanziji u sigurta' tal-prodott.

  TCTC – is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-korsijiet tal-kompjuter se jibdew minn Frar li ġej. Il-Flyers tqassmu fid-djar t'Għajnsielem, u min ikun interessat għandu japplika fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Ftiehim mat-TCTC huwa li jekk japplikaw ammont konsiderevoli, dan il-kors ikun jista jsir fir-raħal t'Għajnsielem.

## 4. Pjazza

Is-Sindku qara l-ittra li bagħtet is-Segretarju Eżekuttiv lil-Kurja nhar it-2 ta' Jannar, fuq deċizjoni li ħa l-Kunsill fil-laqgħa preċidenti, fejn ġew mitluba l-kopja tal-kuntratti tal-Pjazza peress li l-flus tal-Kunsill għal dan il-proġett jistgħu jintilfu. Is-Sindku qara ukoll ir-risposta ta' din l-ittra mibgħuta mis-Sur Guzman li kienet iġġib id-data tal-11 ta' Jannar. F'din l-ittra is-sur Guzman ried ikun jaf liema parti tal-Pjazza kien ser jagħmel il-Kunsill bil-fondi tiegħu. Is-sindku kompla jghid li f'din l-

ittra ssemmiet l-ittra li ntbagħtet lill-avukata tal-Ministru. Peress li l-Kunsill ma kienx ikkupjat f'din l-ittra, is-Sindku talab lill-avukata għal kopja ta' din l-ittra. F'din l-ittra, il-Kurja talbet ukoll li l-karozzi tal-mejtin u tat-tiġijiet kif ukoll vetturi oħra tal-armar tal-festa jerġgħu jibdew jidħlu fil-Pjazza meta kien l-istess Arċipriet li ma riedx hekk. Is-sur Guzman ried ukoll li jerġa' jsir tibdil fil-pjanta tal-Pjazza u ssir rampa minn naħa tal-ġemb. Is-Sur Gusman semma' ukoll li biex isiru kull tip t'attivitajiet fuq il-Pjazza, irid ikun hemm l-approvazzjoni tal-Arċipriet.

Il-Kunsill ħassu ddiżappuntat ħafna bl-ittra tas-sur Guzman, speċjalment peress li anqas biss semma' l-kuntratti li qiegħed jitlob il-Kunsill. Barra min hekk, fl-ittra li bagħat lill-avukata semma proposti ġodda u oħrajn li l-Kunsill qatt ma qabel magħhom. Apparti dan kollu, il-Kunsill qatt m'intrabat liema parti tal-Pjazza kien ser jagħmel bħal ma talab is-sur Guzman. Dan kien ser jiġi deċiż fil-kuntratt.

Is-Sindku ssuġġerixxa lill-preżenti li kien jidher ċar li ma kienx se jintlaħaq ftehim mal-Kurja fejn wara sitt snin ta' taħdidiet bejn il-Kunsill, il-Ministeru għal Għawdex u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, dan il-ftehim qatt ma wasal għal konklużjoni. Tul dawn is-snin, il-Kunsill aċċetta kull tibdil fil-pjanta, fejn kien lest li jħallas għal dawn l-ispejjeż hu wkoll.

Is-Sindku qal li ma jistgħax ikun li l-affarijiet jibqgħu sejrin hekk u hu kien tal-opinjoni li l-Kunsill ma jibqax jifforma parti min dan il-ftehim, u jinqata` kull kuntatt minn mal-Knisja u Kurja. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ġie deċiż li jekk fil-futur jerġa` jkun hemm xi pjan li ssir din il-Pjazza, u l-Kunsill ikollu flus bizzejjed, jerga` jibda kollox mill-bidu.

Il-Kunsill qabbad lis-SE biex tibgħat ittra lis-Sur Gusman fuq id-deċiżjoni li ħa l-Kunsill.

## 5. Performance bonus tal-impjegati

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-*Performance Appraisals* tal-impjegati fejn qed tirrakomanda li jingħata 6% lil-Godwin Azzopardi tax-xahar li ħadem fil-Kunsill tul Jannar 2012, 6% lill-Joseph Ciantar u 5% lill-Sarah Attard. Il-Kunsill qabel li jagħti 6% lill kull impjegat.

Is-Sindku ressaq il-*Performamnce Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv lill-preżenti fejn huwa qed jirrakomanda 10%. Il-preżenti qablu ma dan.

## 6. Laqgħa tal-Lokalita`

Il-Kunsill qabel li din issir nhar l-14 ta' Frar, 2012 fis-6.00pm.

## 7. Latrina fiz-Zewwieqa

Is-Sindku informa lill-preżenti li ġie avviċinat mis-Sur Tony Borg fil-MGOZ u dan infurmah li l-latrina taz-Żewwieqa se tkun lesta fil-gimgħat li ġejjin u talab lill-Kunsill biex jassumi r-responsabilita` tagħha. Is-Sindku qal li hu talab lis-sur Borġ biex din it-talba jagħmila bil-miktub. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara korrispondenza mad-DLG, il-Kunsill ma jistgħax jirrifjuta din ir-responsabilita. Is-

Sindku ssuġġerixxa li jitqabbdu żewġ ħaddiema tal-ETC biex jieħdu ħsieb din il-latrina sakemm jagħlaq it-tender tal-latrina l-oħra li hemm fil-port tal-Imġarr. Wara tista toħroġ tender waħda għaż żewġ latrini. Il-Kunsill qabel ma dan u qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċekkja mal-ETC jekk dan hux possibli. Jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja mal-ħaddiema tal-ETC jekk xi ħadd minnhom hux interessat.

## 8. Proposti għal-Budget 2013

Peter Caruana

- Inkomplu Triq Hamri bit-tarmac. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u qabel ukoll li jalloka flus ghal-kisi ta' triq oħra, li tkun Triq Għajnsielem jew parti minn Triq il-Ġnien
- Belvedere fit-Triq Hamri – is-Sindku ssuġġerixxa li fil-Belvedere kien hemm wisq dlam u għalhekk għandhom jinxtraw set fanali ġodda flok dawk li kien hemm qabel, li kważi kolla tkissru. Dawn għandhom jibqgħu jkunu inkorporati meta jsir l-embelishment kollu. Il-Kunsill qabel ma dan, u qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex toħroġ il-kwotazzjonijiet.
- *Refurbushing* tal-Playing field tal-Gudja

Francis Cauchi

- Embelishment fil-Pjazza tad-Dehra.

## 9. Street sweeping tender

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil preżenti li t-tender ta' street sweeping se jagħlaq fi Frar 2013 u għalhekk trid tinħareġ sejħa għal-offerti għat-tlett snin li jmiss. Il-Preżenti qablu ma dan.

## 10. Tolfa *exchange*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil preżenti li rċiviet korrispondenza minn Angela Ceccarelli fejn talbet lill-Kunsill biex issir *exchange* ta' grupp ta' żagħżagħ bejn Tolfa u Għajnsielem. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din ir-rikjesta għan naħa ta' Għajnsielem li jirreċiprokaw ma kienx possibli peress li saret tard wisq fejn id-*deadline* tal-applikazzjoni għal-fondi hi l-1 ta' Frar 2013. Tolfa se tapplika biex tospita 20-25 persuna minn Għajnsielem tul l-festival Tolfa Arte fix-xahar t'Awwissu li ġej. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal-dan.

## 11. Tinda fl-entratura tal-Iskola Primarja

Il-Kunsill iddiskuta l-pjanta għal din it-tinda li għamel il-Perit Godwin Sultana fejn l-istima tagħha tiġi madwar €11,000. Il-Kunsill iddeċieda li jkellem lill-perit biex jara jistax inaqqas parti mil-pilastri ta' din it-tinda sabiex l-ispejjeż jonqsu u jistenna ftit biex l-Iskola tkun tista ġġib xi fondi u b'hekk tkun tista ssir b'kollaborazzjoni mal-Iskola Primarja.

## 12. Librerija

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lil-preżenti li l-ixkaffar tal-Librerija wasal u l-Librerija issa miftuħa għal-pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li l-ixkaffar li ħalsu għalih il-Foundation for Tomorrow School ma kienux jesgħu l-kotba kollha li hemm fil-Librerija. Is-Sindku issuġġerixxa li nitolbu għal stima tal-ixkaffar li jonqos sabiex ikomplu mal-ixkaffar il-ġdid u wara l-Kunsill jiddeċiedi jekk jixtrix dan l-ixkaffar.

## 13. Customer Care

- Pelican Lights quddiem l-ispiżerija fit-Triq Mgarr – il-Kunsill qabel li jinforma lil Transport Malta biex jagħmel l-istudju neċessarju tat-Triq Mġarr u xi bżonnijiet hemm għal-Pelikan Lights.

## 14. Materji Oħra

Stephen Mercieca

- *Wheelchair sign* quddiem ir-residenza ta' Ġiorġa Sultana ta' 20 Triq Simirat - approvati
- Talba għal-bozza fit-Triq Cordina – approvati.

Larry Buttigieg

- Fanali ma jaħdmux fil-Pjazza Indipendenza
- Triq ta' Lelluxa biex issir ftit patching
- Triq il-Provigarju qed isir id-dranġġ u talab lis-Sindku biex jikkuntatja lill-kuntrattur sabiex x'ħin ilesti x-xogħol jwitti din it triq– approvata

Peter Caruana

- Bieba tad-dawl taħt l-fanali fil-Pjazza Independenza mhux imsakkra.

Francis Cauchi

- Ix-xogħol tal-bini tal-Għajn kien se jibda din il-ġimgħa, iżda l-kuntrattur tal-bini rrealizza li parti mil-blat minn naħa t'isfel ried jitqatta aktar. Is-Sindku ikkuntatja lill-Perit Scerri, fejn wara li niżel fuq il-post dan ikkonferma li jrid isir dan. Is-Sindku kkuntatja lill-kuntrattur tat-tħammil, fejn dan għandu jħammel il-biċċa li fadal sabiex b'hekk ikun jista jibda l-bini tal-Għajn.
- Ġie mitlub minn Carmel Vella biex isir double yellow line quddiem il-bieb tad-dar 'God Bless the Sea' fi Triq Simirat. Dan peress li quddiem dan il-bieb hemm katusa tal-ilma tad-dar u meta tagħmel ix-xita u jkun hemm xi vettura quddiem dan il-bieb din kienet qed tiġi magħluqa bir-rota tal-vettura. Kawża t'hekk kull darba kienu qed jerqu bl-ilma – appravata.
- Il-Viċi Sindku, s-sur Franco Ciangura informa minn qabel lill-Kunsill li ma kienx setgħa jattendi l-lagħqa peress li kien marid.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-lagħqa li jmiss issir nhar l-Hamis, 14 ta' Jannar fis-3.00 pm, is-Sindku ddikjara l-lagħqa magħluqa fit-7.30pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv